2024

identità

# Rapport Annwali

# Werrej


Messaġġ mill-Ministru għall-Intern, Sigurtà u Xogħol 2
Messaġġ minn Madam Chair 4
Messaġġ mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv 6
Il-Viżjoni u l-Missjoni 8
Il-Bord tad-Diretturi 10
Kumitat Maniġerjali 12
Ċifri Ewlenin 14
Ħatriet Ġodda fi Ħdan Identità 16
Tisħiħ tal-Compliance u l-Infurzar 17
L-Importanza tar-Reviżjoni tas-Sistemi għat-Tisħiħ tal-Governanza u l-Qasam Operattiv 18
Identità Tikseb iċ-Ċertifikazzjoni ISO 27001 20
Iffirmar ta' Ftehim Kollettiv Ġdid 21
Twaqqif tat-Taqsima għall-Esperjenza tal-Klijent Ġdida 22
Tnedija tar-Reġistru tal-Persuni 23
Eżerċizzju ta' Tiġdid tal-Karta tal-Identità 24
Rilokazzjoni tas-Servizzi f'Għawdex 26
Nipprijoritizzaw is-Saħħa Mentali 27
Uffiċċju tal-Passaporti 28
Reġistru Pubbliku 30
Taqsima tal-Karta tal-Identità 35
Taqsima tar-Riċerki 38
Taqsima tal-Espatrijati 42
Taqsima Ċentrali tal-Viża 46
Taqsima tal-Compliance 47



# Messaġġ **mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol**

*Identità qiegħda fil-qalba tal-identità nazzjonali tagħna. Mhix biss Aġenzija kwalunkwe tal-Gvern, iżda l-kustodju ta' min aħna – kemm bħala individwi kif ukoll bħala nazzjon. Mill-mument tat-twelid ta' tarbija, għal meta ċittadin jinteraġixxi mas-servizzi pubbliċi jew jivvjaġġa barra minn Malta, Identità tiżgura l-immaniġġjar bla xkiel u sigur tal-identità personali. F'era kkaratterizzata mit-trasformazzjoni diġitali u mobilità dejjem tikber, Identità għandha rwol importanti fil-protezzjoni kemm tal-integrità tas-sistemi tagħna kif ukoll tad-dinjità tan-nies tagħna.*

Identità hija l-aġenzija tal-gvern responsabbli għall-ġestjoni tal-identità u l-implimentazzjoni tal-proċessi tal-immigrazzjoni. Toffri firxa wiesgħa ta' servizzi speċjalizzati—mill-karta tal-identità elettronika u passaporti elettroniċi sa dokumenti ta' residenza, viżi, reġistrazzjoni tal-istat ċivili u atti pubbliċi.

Matul l-aħħar sena, l-Aġenzija għamlet qabża 'l quddiem fejn jirrigwardja l-immodernizzar u espansjoni tas-servizzi tagħha. It-tiġdid gradwali tal-Karta tal-Identità Maltija għal ċittadini Maltin miexi b'ritmu tajjeb, bi kważi 90,000 Karta tal-Identità ġdida maħruġa. Dan il-proċess miexi b'effiċjenza u kontinwità, u b'hekk, għall-kuntrarju ta' ċikli preċedenti, iċ-ċittadini mhux qed jesperjenzaw tfixkil jew estensjonijiet tal-validità ta' dan id-dokument.

L-aċċess għas-servizzi tjieb ukoll, b'mod partikulari f'Għawdex, fejn l-Uffiċċju tal-Passaporti, t-Taqsima tal-Karta tal-Identità u t-Taqsima tal-eResidence ġew rilokati għal binja ġdida fiċ-ċentru tar-Rabat Għawdex. Din ir-rilokazzjoni se tipprovdi servizz aktar mgħaġġel u effiċjenti lill-Għawdxin, u ninsab ħerqan li dalwaqt ninawgura dawn l-uffiċċji.

Ir-Reġistru tal-Persuni diġitali jirrappreżenta pass ieħor importanti, bl-implimentazzjoni tal-Prinċipju Once Only fuq livell ta' Gvern. Din l-inizjattiva tissimplifika l-mod kif iċ-ċittadini jinteraġixxu mas-servizzi pubbliċi, billi tippermetti skambju sigur u effiċjenti ta' data, u tnaqqas id-duplikazzjoni u l-piż amministrattiv.

Iċ-ċertifikazzjoni ISO 27001 tal-aġenzija tirrappreżenta kisba importanti, li tikkonferma l-impenn ta' Identità lejn l-ogħla standards ta' sigurtà tal-informazzjoni u integrità tad-data. Dan is-suċċess isaħħaħ kemm il-fiduċja pubblika u l-infrastruttura diġitali tas-sistemi tal-identità tagħna.

Nixtieq ukoll nfaħħar il-ħaddiema tal-aġenzija. Il-Ftehim Kollettiv li ġie ffirmat mhux biss jirrikonoxxi d-dedikazzjoni tagħhom, iżda jġib ukoll titjib sinifikanti fil-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Barra minn hekk, il-kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Richmond hi prova ta' kif Identità hija impenjata għall-benessri mentali tal-impjegati tagħha, biex dawn ikunu *empowered* f'dak li jagħmlu.

Dawn il-kisbiet jirriflettu aktar minn suċċess operattiv – huma sinjal tal-evoluzzjoni kostanti ta' Identità f'aġenzija progressiva u ffukata fuq iċ-ċittadin. Jien kunfidenti li x-xogħol li sar din is-sena se jservi bħala pedament għal aktar progress fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin, hekk kif Identità tkompli sservi b'integrità, innovazzjoni u kura.



# Messaġġ minn **Madam Chair**

Is-sena 2024 kienet sena li matulha Identità affaċċjat sfidi kbar. Il-ħatra tiegħi ta' Chair f'nofs is-sena in kwistjoni, kienet bla dubju esperjenza intensiva. Kien hemm sfidi li kienu mistennija u li kull organizzazzjoni taffaċċja, u sfidi mhux mistennija. Madankollu, niddikkjara b'ċertezza li dawn l-isfidi ġew indirizzati mill-Bord tad-Diretturi, b'appoġġ minn tim professjonali ħafna, li ħadem bla waqfien biex jipproteġi l-integrità tal-Aġenzija u tal-ħaddiema tagħha.

Minn perspettiva operattiva, is-sena 2024 kienet sena kruċjali għal Identità. Din is-sena kienet immarkata minn reviżjoni komprensiva tal-operat u s-servizzi tal-Aġenzija. L-għan ewlieni kien li jinbena u jissaħħaħ dak kollu li huwa validu, filwaqt li jiġu riveduti u analizzati dawk l-aspetti li setgħu qed iżommu l-Aġenzija milli twettaq il-ħidma tagħha aħjar. Dawn l-isforzi kienu mmirati biex jiġu mħarsa u protetti l-identitajiet, filwaqt li tissaħħaħ il-kredibilità u l-fiduċja tal-Aġenzija.

Reviżjoni regolari hija kruċjali għal kull organizzazzjoni sabiex tantiċipa sfidi u timplimenta soluzzjonijiet strateġiċi li jsaħħu l-effiċjenza, itejbu l-kwalità tas-servizz u jiżguraw suċċess fit-tul. F'dan l-ispirtu, Identità saħħet l-impenn tagħha lejn l-integrità u l-eċċellenza billi rriformat proċessi ewlenin b'mod proattiv.

Identità hija Aġenzija essenzjali li timmaniġġja dokumentazzjoni mportanti u sensittiva ta' ħajjet iċ-ċittadini, mit-twelid sal-mewt. Hija Aġenzija li hija responsabbli kif ukoll għas-servizz tal-Gvern u taċ-ċittadini ta' Malta. F'dan l-ambitu, Identità għarfet l-importanza li kull klijent jirċievi l-aqwa servizz u għalhekk waqqfet it-Taqsima għall-Esperjenza tal-Klijent (Customer Experience Unit).

Barra minn hekk, l-Aġenzija fetħet uffiċċju f'Għawdex u ġabret is-servizzi tagħha f'*one-stop shop* aktar ċentrali u aċċessibbli, li joffri diversi servizzi f'post wieħed.

Kisba oħra importanti kienet iċ-ċertifikazzjoni ISO 27001, standard internazzjonali rikonoxxut għas-Sistemi ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni (ISMS). Din il-kisba tfisser pass sinifikanti fl-impenn tal-Aġenzija biex tipproteġi l-integrità tad-data u ttejjeb il-protokolli tas-*cybersecurity*.

Inħarsu 'l quddiem naraw li l-prijorità tagħna tibqa' li nkomplu nibnu fuq is-suċċessi tal-Aġenzija, nirfinaw l-operat tagħha u nindirizzaw oqsma ewlenin fejn hemm lok għal titjib. Identità se tkompli ssaħħaħ il-ħidma tagħha billi ttejjeb il-mod kif tipprovdi s-servizzi tagħha filwaqt li tħaddan l-innovazzjoni. L-irwol tal-Aġenzija fl-ekonomija Maltija, permezz tat-Taqsima tal-Espatrijati u t-Taqsima Ċentrali tal-Viża, se jsir dejjem aktar importanti. F'konformità mal-Politika dwar il-Migrazzjoni, Identità se tiżgura li jkunu biss dawk il-ħaddiema li huma essenzjali u b'ħiliet adegwati li jitħallew jidħlu Malta.

Is-sena li ġejja se ġġib magħha opportunitajiet ġodda, u aħna ninsabu f'pożizzjoni tajba biex nibnu fuq il-pedament sod li diġà għandna. Inħossni onorata li ġejt maħtura Chair tal-Bord ta' Identità f'dan il-mument ta' trasformazzjoni, hekk kif l-Aġenzija tkompli tevolvi u ssaħħaħ ir-rwol tagħha li sservi lill-pubbliku b'integrità.

Il-missjoni tagħna u l-isforzi biex intejbu u niksbu l-eċċellenza huwa proċess kontinwu. Il-viżjoni tagħna għall-futur hija li Identità tibqa' meqjusa bħala istituzzjoni kredibbli u affidabbli li timmaniġġja l-aktar informazzjoni sensittiva billi tapplika sistemi avvanzati fl-interess tal-Gvern Malti, iċ-ċittadini u dawk kollha li jużaw is-servizzi tagħha.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja lill-membri tal-Bord għall-kontribut imprezzabbli u s-sostenn kontinwu tagħhom, lis-*senior management* għall-kompetenza, professjonalità u l-integrità tagħhom, kif ukoll lill-impjegati kollha li jaħdmu b'onestà u b'dedikazzjoni f'din l-aġenzija ta' importanza nazzjonali.

Nistenna bil-ħerqa li nkomplu naraw tkabbir, kollaborazzjoni u eċċellenza fil-kapitlu li jmiss tal-Aġenzija.



# Messaġġ **mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv**

Hekk kif inħares lura lejn l-ewwel sena tiegħi bħala Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Identità, nirrikonoxxi li s-sena 2024 kienet waħda li ddefinixxit lill-aġenzija – sena mimlija sfidi u opportunitajiet li qegħdin isawru t-triq tagħna 'l quddiem.

L-2024 kienet waħda determinanti fil-vjaġġ kontinwu tagħna ta' trasformazzjoni – kontinwazzjoni tar-riformi fil-governanza u l-iżviluppi strateġiċi li bdejna fis-snin ta' qabel. Saħħaħna l-impenn tagħna biex nikkonsolidaw il-qafas istituzzjonali, intejbu l-kontabbiltà, u nsaħħu l-integrità tas-servizzi tagħna. Komplejna nibnu fuq il-progress li sar qabel, u ħadna passi importanti biex nissimplifikaw l-operat, insaħħu s-sorveljanza, u niżguraw li s-servizzi tagħna jkomplu jilħqu l-ogħla livelli ta' effiċjenza, sigurtà u professjonalità.

Fost l-aktar prijoritajiet ewlenin tagħna fl-2024 kienet li nirrevedu u nsaħħu s-sistemi interni tagħna permezz ta' approċċ strutturat u trasparenti. Saru diversi audits indipendenti li servew bħala għodda siewja biex jiġi validat il-progress tagħna u nsaħħu l-fiduċja fl-operat tagħna. Dawn l-audits, li saru minn kumpaniji ndipendenti u rinomati, għenu sabiex jiġi żgurat li l-proċessi tagħna mhux biss huma effettivi, iżda wkoll allinjati mal-ogħla standards ta' governanza, konformità u kontabbiltà. Dawn servew ukoll bħala sors essenzjali li komplew irriaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna għal titjib kontinwu u integrità istituzzjonali.

Iffokajna l-aktar fuq il-proċess tal-Viża, il-permessi ta' residenza, is-sigurtà tal-informazzjoni, il-funzjonijiet ta' konformità, u s-sistema tal-Karta tal-Identità Maltija. Pass importanti kien it-tisħiħ komprensiv tal-proċess tal-Viża għall-Istudenti – inizjattiva maħsuba biex tissimplifika l-operat u ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' Malta bħala destinazzjoni ewlenija għat-turiżmu edukattiv.

Fil-kuntest tal-lum, servizz effiċjenti lejn il-klijent mhuwiex biss mira iżda impenn kontinwu – wieħed li jeħtieġ evalwazzjoni u titjib kostanti. B'dan il-ħsieb f'moħħna, waqqafna taqsima ġdida għall-Esperjenza tal-Klijent u f'kollaborazzjoni ma' Servizz.gov bdejna transizzjoni gradwali tat-telefonati u l-emails, sabiex niżguraw servizz aktar effiċjenti.

Fl-istess waqt, stabbilixxejna funzjoni ta' Data Analytics bil-għan li noħolqu intelliġenza li tista' tiġi applikata, nidentifikaw xejriet emerġenti, u nsaħħu t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza. Din il-funzjoni mhux biss se ttejjeb l-operat ta' kuljum tagħna, iżda se jkollha wkoll rwol kruċjali fit-tfassil ta' politiki fit-tul, fl-infurzar ta' konformità, fl-identifikazzjoni proattiva ta' abbużi u fil-gwida tal-prijoritajiet strateġiċi fl-aġenzija.

Is-servizzi tal-Aġenzija relatati mal-immigrazzjoni ukoll esperjenzaw bidla. Fid-dawl li s-servizzi mogħtija mit-Taqsima tal-Espatriati u t-Taqsima Ċentrali tal-Viża huma konnessi mill-qrib, dawn ġew integrati f'dipartiment wieħed. Dan il-pass għandu l-għan li jnaqqas il-burokrazija, itejjeb l-effiċjenza fil-ġestjoni, u joffri esperjenza ta' servizz aktar bla xkiel.

Aktar importanti minn hekk, ittieħdu żewġ deċiżjonijiet kuraġġużi bil-għan li tkompli tissaħħaħ id-diliġenza u l-kontabbiltà tal-proċessi ta' applikazzjoni. L-introduzzjoni ta' assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja għal ċittadini minn pajjiżi terzi li japplikaw Still Abroad, u l-Formola ta' Attestazzjoni tal-Proprjetà sabiex jiġi kkonfermat li l-applikant għandu d-dritt juża residenza speċifika għall-finijiet tal-applikazzjoni. Dawn iż-żewġ rekwiżiti għandhom għan mill-aktar speċifiku, dik li jitrażżan kwalunkwe abbuż possibbli filwaqt li jkunu mħarsa l-interessi tal-partijiet kollha.

L-investiment fin-nies tagħna dejjem kien – u jibqa' – fil-qalba tal-viżjoni tagħna. Matul l-2024 u l-2025, wettaqna l-akbar investiment fit-taħriġ sa minn kemm ilha mwaqqfa l-aġenzija, bi pjan estensiv ta' inizjattivi mfassla fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet interni u prijoritajiet operattivi. Dan l-investiment jissostanzja l-impenn tagħna biex insaħħu s-sigurtà, intejbu l-konformità, u nżommu l-ogħla standards fl-għoti tas-servizzi.

Matul l-2025, se nkomplu nagħtu prijorità lit-taħriġ u l-iżvilupp tal-karrieri bħala l-pilastri ewlenin fl-istrateġija tagħna. L-intenzjoni tagħna hija li nwessgħu l-ambitu tat-taħriġ biex jinkludi aktar oqsma u jilħaq iktar impjegati, sabiex niżguraw li l-impjegati tagħna jiksbu kemm ħiliet prattiċi kif ukoll opportunitajiet biex itejbu l-formazzjoni akkademika tagħhom.

It-teknoloġija se jkollha wkoll rwol kruċjali fil-proċessi tagħna. Identità hija kommessa li tibqa' fuq quddiem nett fejn tidħol teknoloġija avvanzjata u tagħmel użu minn din l-innovazzjoni biex tissimplifika u ttejjeb il-proċessi tagħha. Bħala parti mill-istrateġija tagħna għat-trasformazzjoni diġitali, l-automation u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq id-data se jibqgħu prijorità bil-għan li intejbu l-effiċjenza, l-preċiżjoni u l-għoti tas-servizzi. L-impenn tagħna għat-trasformazzjoni diġitali jiżgura li Identità tibqa' tadatta ruħha f'dinja li dejjem qed tinbidel.

Lill-klijenti u l-istakeholders tagħna, inwegħduhom li nibqgħu diliġenti, nipprovdu dokumenti tal-identità siguri u servizzi effiċjenti, filwaqt li nissalvagwardjaw is-sigurtà nazzjonali tagħna.

Jiena personalment kommess li nara lil Identità tkompli tikber, tinvesti fin-nies tagħha, u żżomm l-ogħla standards.

Hekk kif inkomplu mexjin 'il quddiem, se nibnu fuq l-għarfien li ksibna mill-audits u assessjar indipendenti, u nsarrfuh f'titjib sinifikanti fl-aġenzija kollha. It-triq 'il quddiem hija mimlija sfidi, iżda wkoll mimlija tama – u flimkien, se nkomplu nimxu 'l quddiem b'integrità u impenn komuni lejn standards għoljin ta' servizz pubbliku.

# Viżjoni

*"Il-konsolidazzjoni tal-pożizzjoni ta' Identità bħala kontributur ewlieni għas-soċjetà Maltija u l-progress ekonomiku tagħha, sabiex tkun organizzazzjoni dinamika u innovattiva, li twassal servizzi affidabbli tal-ġestjoni tal-identitajiet f'qafas robust ta' governanza korporattiva u eċċellenza fil-prestazzjoni."*

# Missjoni

*"Il-missjoni tagħna hija li nsaħħu l-għoti tas-servizzi tal-Aġenzija u nimmassimizzaw il-valur tagħha lill-partijiet interessati f'konformità perfetta mal-viżjoni tagħna. Dan se jitwettaq billi jiġu adottati prattiki sikuri u effiċjenti, iffukati fuq il-klijenti, fil-funzjonijiet kollha tal-Aġenzija. Il-forza tax-xogħol tagħna tingħata s-setgħa u s-sengħa biex tħaddan l-ogħla standards ta' prattiki ekonomiċi, soċjali u ta' governanza tajba, li kollha jkunu sostnuti minn sistemi u politiki affidabbli."*



# Bord
# **Tad-Diretturi**

Il-Bord tad-Diretturi jħaddan il-prinċipji ta' governanza tajba u jissorvelja d-direzzjoni strateġika tal-aġenzija.

Il-Bord tad-Diretturi jinħatar mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

## Ċermen Non-Eżekuttiv

Is-Sinjura Marlene Mizzi

## Membru

Il-Perit Alistair Avallone

Is-Sur Andrew Agius Muscat

Is-Sur Clint Bajada

Is-Sur George Arrigo

## Segretarju

Is-Sur Neil Portelli








# Kumitat Maniġerjali










**Steve Agius**
Uffiċjal Kap Eżekuttiv

**Martin Bowerman**
Uffiċjal Kap Finanzjarju

**Neil Harrison**
Uffiċjal Kap Legali

**Stefan Rodoligo**
Uffiċjal Kap tal-Informazzjoni

**Tania Brown**
Uffiċjal Kap Politika u Strateġija

**Gertrude Spiteri**
Uffiċjal Kap Riżorsi Umani

**Paula Cauchi Meachen**
Uffiċjal Kap Operattiv u
Affarijiet dwar l-Immigrazzjoni

**Sylvana Farrugia**
Kap Marketing u Relazzjonijiet Pubbliċi

# Ċifri **Ewlenin**

**387**
Ħaddiema

**174,067**
Imejls imwieġba

**73,764**
Ċertifikati ta' twelid, mewt u żwieġ maħruġa
**57.5% minnhom inxtraw online**

**4,107**
Twelid lokali reġistrati

**3,764**
Mwiet lokali reġistrati

**183,728**
Appuntamenti mogħtija

**53,284**
Passports maħruġa

**147**
Dokumenti tal-ivjaġġar ta' Emerġenza maħruġa

**83,994**
Karti tal-identità maħruġa

**31,353**
Kontijiet ġodda tal-eID attivati

**13,430,167**
Tranżazzjonijiet miċ-ċittadini minn kontijiet tal-eID

**211,937**
Ordnijiet ta Riċerka

**80,334**
Noti proċessati

# **Ħatriet ġodda** fi ħdan Identità

Matul is-sena 2024, Identità għaddiet minn żewġ bidliet sinifikanti fit-tmexxija tagħha.

*Il-ħatra tas-Sur Steve Agius bħala Kap Eżekuttiv*

Fi Frar, is-Sur Steve Agius inħatar bħala l-Kap Eżekuttiv il-ġdid ta' Identità, dan wara t-tmexxija tal-Kurunell Mark Mallia, li serva f'dan l-irwol għal sentejn.

Is-Sur Agius għandu esperjenza estensiva fl-immaniġġjar tas-servizz pubbliku. Hu kien Uffiċjal Kap Operattiv fl-Isptar Mater Dei, fejn mexxa l-programm ta' vaċċinazzjoni nazzjonali tal-COVID-19 filwaqt li serva bħala Uffiċjal Kap tal-Informatika fi ħdan l-Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni, ir-regolatur nazzjonali tat-telekomunikazzjoni, fejn mexxa proġetti mportanti.

*In-nominazzjoni tas-Sinjura Marlene Mizzi bħala Chairperson Mhux Eżekuttiv*

Is-Sinjura Marlene Mizzi nħatret bħala Chairperson Mhux Eżekuttiv f'Ġunju. Is-Sinjura Mizzi ġabet magħha esperjenza estensiva kemm fil-governanza korporattiva u fis-Servizz Pubbliku. L-irwoli preċedenti li kellha jinkludu Chairperson ta' Sea Malta Co. Ltd (1997-2005), Membru fuq il-Bord tal-Bank of Valletta (1998-2006), kif ukoll Chairperson ta' Malita plc (2022-2024).

Bħala Membru Parlamentari Ewropew (2013-2019), is-Sinjura Mizzi kkontribwixxiet f'diversi inizjattivi leġiżlattivi, fosthom Ir-Rapport Mizzi fuq id-Digital Single Gateway, miżura leġiżlattiva implimentata mill-Membri Stati kollha tal-Unjoni Ewropea. Kellha rwol essenzjali fin-negozjati dwar it-tnaqqis fit-tariffi tar-roaming tal-UE u serviet bħala rappreżentanta fit-tim tan-negozjati ta' Brexit. Fl-2018 ġiet rikonoxxuta bħala l-Membru Parlamentari Ewropew tas-Sena.

Fl-2020, is-Sinjura Mizzi nħatret bħala Ambaxxatur mhux residenzjali tar-Renju tal-Isvezja u r-Renju tan-Norveġja. Hi għandha lawrja bl-Unuri fl-Ekonomija u Master tal-Filosofija fil-Governanza Korporattiva mill-Maastricht School of Management.






# Tisħiħ **Tal-Compliance U L-Infurzar**

Matul is-sena 2024, is-Sezzjoni tar-Rapportaġġ fi ħdan it-Taqsima tal-Compliance ta' Identità, saħħet b'mod sinifikanti l-operat u r-rwol tagħha bħala taqsima essenzjali għall-osservanza tar-regoli fis-settur tal-immigrazzjoni lokali. Matul dan il-perjodu, meta mqabbel mas-sena ta' qabel, din it-taqsima ntensifikat l-ispezzjonijiet tagħha, aktar milli rdoppjat l-investigazzjonijiet, solviet kważi t-triplu tal-każijiet, u kkollaborat ma' diversi entitajiet Maltin sabiex ikunu organizzati eżerċizzji ta' infurzar.

Wieħed mill-oqsma ewlenin li ffukat fuqhom is-Sezzjoni tar-Rapportaġġ kien l-ispezzjonijiet li saru f'diversi industriji. Uħud minn dawn l-ispezzjonijiet saru b'kollaborazzjoni ma' entitajiet ewlenin lokali. B'kollox, saru 215-il spezzjoni f'postijiet diversi, inkluż f'diversi postijiet tax-xogħol f'industriji differenti – b'mod partikolari fis-setturi tal-ospitalità u l-kostruzzjoni – kif ukoll f'residenzi privati. Ħafna minn dawn l-ispezzjonijiet saru b'kollaborazzjoni mas-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u Jobsplus.

Il-kollaborazzjoni ma' aġenziji ta' infurzar lokali kienet kruċjali fejn jirrigwardjaw spezzjonijiet fit-toroq li saru f'diversi nħawi tal-gżejjer Maltin. Matul dawn l-ispezzjonijiet, imwettqa flimkien mat-Taqsima tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija, Transport Malta, Jobsplus, LESA u entitajiet oħra, bosta xufiera kienu spezzjonati u d-dokumenti fil-pussess tagħhom ġew eżaminati bir-reqqa. F'każijiet fejn instab ksur ta' regolamenti, numru ta' individwi inżammu taħt il-kustodja tal-Pulizija għal aktar investigazzjoni u proċeduri legali.

Din it-Taqsima investigat ukoll diversi rapporti relatati ma' allegat ksur ta' regolamenti u kondotta ħażina. B'kollox, skattaw 493 investigazzjonijiet, li kienu jirrigwardaw kwistjonijiet diversi fosthom rapporti tal-Pulizija, dokumenti foloz, persuni li kienu fil-pajjiż illegalment wara l-iskadenza tal-permess tagħhom, u kwistjonijiet relatati ma' indirizzi, Viżi u studju. Dan irriżulta f'żieda ta' 296 investigazzjoni jew żieda ta' 150% meta mqabbel mas-sena ta' qabel. B'kollox ġew konklużi 332 minn dawn l-investigazzjonijiet, u total ta' 169 persuna kienu miżmuma taħt il-kustodja tal-Pulizija bħala riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet.

Ir-rapporti kollha ġew investigati b'mod metikoluż, bil-konklużjonijiet jiġu dokumentati u, fejn meħtieġ, l-eżiti ntbagħtu lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta għal aktar investigazzjoni u proċeduri legali. Dan l-approċċ ikompli jsaħħaħ l-impenn tal-Aġenzija lejn l-integrità u r-responsabbiltà tagħha.

Permezz ta' ħidma mill-qrib ma' entitajiet terzi, it-Taqsima tal-Compliance setgħet tikkontribwixxi f'ħidma aktar koordinata u effettiva, sabiex ikun żgurat li l-qafas regolatorju jiġi rrispettat f'kull qasam operattiv.





# L-importanza tar-reviżjoni tas-sistemi **għat-tisħiħ tal-governanza u l-qasam operattiv**

Ir-reviżjoni tas -sistemi huwa aspett fundamentali ta' governanza tajba, u jistgħu jagħtu garanzija li organizzazzjonijiet joperaw b'mod effiċjenti, sigur u f'konformità mal-istandards regolatorji. Permezz ta' evalwazzjoni sistematika tal-proċessi interni, kwalunkwe organizzazzjoni tkun tista' tidentifika xi nuqqasijiet, ittejjeb is-servizzi mogħtija u tħares it-trasparenza u r-responsabbiltà.

Matul l-2024, saru reviżjonijiet ta' bosta sistemi f'diversi taqsimiet kemm internament mis-Sezzjoni tal-Kontrolli Interni kif ukoll minn kumpaniji esterni.

Dawn ir-reviżjonijiet saru f'erba' oqsma:

## Proċess ta' Applikazzjoni għall-Viża Nazzjonali (D)

Il-Viża Nazzjonali tippermetti lil ċittadini minn barra l-UE sabiex jirrisjedu f'Malta, għal perjodi estiżi. Saru reviżjonijiet interni u esterni tas-sistema fir-rigward tal-proċess tal-applikazzjoni u ħruġ tal-Viża (D), inklużi l-proċessi u l-kontrolli abbinati, sabiex jiġu identifikati kwalunkwe lakuni fil-proċess, jiġi mplimentat titjib u jissaħħaħ il-qafas tal-politika attwali tal-aġenzija.

## Proċessi ta' Applikazzjoni għall-Permess ta' Residenza

Il-Permessi ta' Residenza jagħtu d-dritt lil ċittadini ta' Pajjiżi Terzi biex jgħixu f'Malta għal diversi raġunijiet, inkluż impjieg, studju u r-riunifikazzjoni tal-familja. Ir-reviżjonijiet interni ffokaw primarjament fuq il-proċess tas-Single Permit u l-proċess ta' riunifikazzjoni tal-familja. L-għan huwa li tiġi evalwata l-effiċjenza u l-effettività ta' dawn il-proċessi, tiġi evalwata l-effettività tal-kontrolli interni inkorporati f'kull proċess, jiġu evalwati l-proċeduri operattivi standard attwali, jiġu identifikati kwalunkwe lakuni u ineffiċjenzi, u jiġu indirizzati kwalunkwe riskji li jiġu identifikati permezz ta' dan l-eżerċizzju.

## Proċess ta' Applikazzjoni għall-Karta tal-Identità Maltija

Bħala dokument essenzjali għaċ-ċittadini Maltin, il-ħruġ tal-Karta tal-Identità għandu jkun proċess sigur u effiċjenti. Għal dan il-għan saru reviżjonijiet interni u esterni fuq il-proċess ta' ħruġ tal-karta tal-identità nazzjonali, b'enfasi fuq tliet riskji ewlenin: frodi u serq tal-identità, data mhux preċiża, u l-ħruġ ta' karti tal-identità doppji.

## Sigurtà tal-Informazzjoni

Din hija komponent kruċjali fl-operat tal-aġenzija, peress li tieħu ħsieb data personali sensittiva u informazzjoni tal-klijenti tagħha. Saret analiżi minn reviżuri esterni ta' kif l-indirizz residenzjali jiddaħħal fis-sistema teknoloġika ta' Identità, bil-għan li jiġu identifikati l-punti ta' ħolqien, kif ukoll l-użu tal-indirizz residenzjali fis-sistema tal-IT. L-analiżi ffokat fuq tliet fatturi; il-governanza tal-ICT, il-kwalità tad-data u t-tibdil tal-applikazzjonijiet/data.




# Identità Tikseb **iċ-ċertifikazzjoni ISO 27001**

F'Diċembru, Identità kisbet iċ-ċertifikazzjoni ISO 27001, standard internazzjonalment rikonoxxut għas-Sistemi ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni (ISMS). Din il-kisba tirrifletti l-impenn tal-aġenzija fil-ħidma tagħha biex tissalvagwardja l-integrità tad-data u fil-manteniment ta' protokolli robusti tas-sigurtà ċibernetika.

Din il-kisba hija r-riżultat ta' snin ta' ppjanar bir-reqqa, implimentazzjoni rigoruża, u titjib kontinwu mit-Taqsima tal-Informazzjoni Teknoloġika tal-Aġenzija. F'konformità mal-istandards ISO 27001, l-aġenzija adottat approċċ proattiv biex tidentifika, timmaniġġja, u tnaqqas riskji relatati mas-sigurtà tal-informazzjoni. Din iċ-ċertifikazzjoni mhix biss dwar il-konformità mar-rekwiżiti; iżda hija prova tal-impenn ħolistiku tal-Aġenzija fil-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva taċ-ċittadini, residenti, u impjegati tagħha filwaqt li tassigura kontinwità fl-operat tagħha.

Il-proċess taċ-ċertifikazzjoni kien jinvolvi reviżjoni komprensiva u titjib tal-politiki, protokolli, u l-programmi ta' taħriġ eżistenti tal-Aġenzija. It-Taqsima tal-Informazzjoni Tekoloġika kellu rwol kruċjali fl-allinjament tal-prattiki ta' Identità mal-qafas ISO, filwaqt li mplimenta miżuri avvanzati tas-sigurtà ċibernetika, u jippromwovi kultura ta' għarfien dwar is-sigurtà fl-aġenzija kollha. Bla dubju, id-dedikazzjoni u l-professjonalità tat-tim kienu essenzjali biex jintlaħqu l-kriterji stretti taċ-ċertifikazzjoni.

Permezz tal-konformità mal-ISO 27001, żgurajna li qed nagħmlu dak kollu possibbli biex nipprevjenu aċċess mhux awtorizzat, nidentifikaw kwalunkwe vulnerabbiltajiet, u nirrispondu malajr għal inċidenti potenzjali fejn jirrigwardja s-sigurtà. Din iċ-ċertifikazzjoni hija prova tal-impenn b'saħħtu tal-Aġenzija fiż-żamma tal-privatezza u l-integrità tad-data kollha li timmaniġġja.

Iċ-ċertifikazzjoni ISO 27001 mhix kisba ta' darba; iżda hija impenn għal titjib kontinwu. Il-kisba ta' din iċ-ċertifikazzjoni, hija biss il-bidu. Identità tibqa' impenjata fl-iżvilupp ta' prattiki ta' sigurtà ċibernetika, tinvesti fl-aqwa teknoloġiji, u tippromwovi kultura ta' għarfien dwar is-sigurtà fl-aġenzija kollha.



# Iffirmar Ta' **Ftehim Kollettiv Ġdid**

Fl-2024, Identità kkonkludiet u ffirmat ftehim kollettiv ġdid għall-ħaddiema tagħha mal-General Workers' Union. Dan il-qbil ikopri terminu ta' erba' snin mill-2024 sal-2028 u jintroduċi għadd ta' miżuri immirati biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u jħarsu l-benesseri tal-impjegati kif ukoll l-iżvilupp professjonali tagħhom.

Fost benefiċċji u titjib ieħor, l-impjegati tal-Aġenzija bdew jibbenefikaw minn żidiet fil-pagi u inċentivi għall-prestazzjoni tagħhom. Għall-ewwel darba, ġie introdott il-kunċett ta' performance bonus fil-gradi kollha, u dan ikompli jsaħħaħ l-impenn tal-Aġenzija li tippremja l-bżulija u tagħraf id-dedikazzjoni tal-impjegati waqt il-qadi tad-dmirijiet tagħhom.

Dan il-ftehim kollettiv ġdid ikompli jibni fuq dak ta' qablu fejn jidħol il-benesseri tal-impjegati, billi introduċa servizzi addizzjonali ta' saħħa mentali u jrawwem ambjent tax-xogħol aktar inklussiv.

Aktar minn hekk, l-Aġenzija rriaffermat id-dedikazzjoni tagħha li tipprovdi opportunitajiet edukattivi, fosthom boroż ta' studju fil-Livelli MQF 5, 6 u 7, sabiex tkompli tinvesti fil-ħaddiema tagħha filwaqt li tinkoraġġixxi tagħlim tul il-ħajja kif ukoll żvilupp personali u professjonali. Ġew introdotti wkoll ħamest ijiem leave għal studju matul is-sena sabiex min ikun qed isegwi xi studju, jista' jagħmel użu minnu għall-eżamijiet jew assignments.

Dan il-ftehim ġie ffirmat mill-Kap Eżekuttiv ta' Identità, is-Sur Steve Agius u l-Kap Uffiċjal tar-Riżorsi Umani, is-Sinjura Gertrude Spiteri, is-Sur Kendrick Bondin u s-Sur George Zahra bħala rappreżentanti tal-GWU. F'isem il-ħaddiema ffirmaw dan il-ftehim ir-rappreżentanti tal-impjegati s-Sinjura Tania Abela u s-Sinjura Stephania Mizzi. Preżenti għal dan l-iffirmar kien hemm il-Ministru għall-Intern, Sigurtà u x-Xogħol, Byron Camilleri u s-Segretarju Permanenti, is-Sinjura Joyce Dimech.





# Twaqqif tat-taqsima **għall-esperjenza tal-klijent ġdida**

It-twaqqif tat-Taqsima għall-Esperjenza tal-Klijent hija xhieda tal-impenn tal-aġenzija biex ittejjeb il-kwalità tas-servizzi pprovduti lill-pubbliku.

Din it-taqsima tiffoka fuq il-bżonnijiet tal-klijenti u l-għan tagħha huwa li tassigura servizz effiċjenti u aċċessibbli f'kull punt ta' kuntatt, u b'hekk l-esperjenza ġenerali tal-klijenti tkun waħda tajba.

Minbarra li qed taħdem biex jitjiebu s-servizzi ta' komunikazzjoni eżistenti tal-aġenzija, it-taqsima qed thares ukoll lejn metodi ġodda biex tassisti lill-klijenti b'mod aktar effettiv.

Lejn tmiem it-tieni kwart tal-2024, ġie deċiż li l-aġenzija tibda tuża s-servizzi ta' Servizz.gov biex ittejjeb il-kapaċitajiet tagħha u toffri assistenza lill-klijenti fid-dawl ta' żieda sostanzjali fil-volum ta' telefonati u imejls.

In-negozjati u l-preparamenti għal dan il-proġett il-ġdid bdew f'nofs Settembru, filwaqt li lejn l-aħħar ta' Novembru, tim ta' impjegati minn Identità taw taħriġ intensiv lill-aġenti l-ġodda. Fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru, l-aġenzija uffiċjalment bdiet tuża s-servizzi ta' Servizz.gov, bl-ewwel fażi tkun iddedikata kollha għal telefonati li jidħlu b'rabta mas-Single Permit.

Fl-ewwel xahar ta' dan il-proġett, in-numru medju ta' telefonati mwieġba b'suċċess żdied għal 83%, li jammonta għal 4,337 telefonata. Din iż-żieda kkontribwixxiet ukoll għal tnaqqis fin-numru ta' imejls matul l-istess perjodu, b'medja ta' 20% imejls inqas kuljum meta mqabbla mal-medja tat-tliet xhur ta' qabel.

Il-fażi ta' wara, li hija ppjanata għall-bidu tas-sena 2025, tinkludi l-outsourcing tal-assistenza permezz ta' imejls għal din l-istess taqsima.

Dan il-proġett se jiġi mplimentat f'fażijiet u se jinkludi wkoll outsourcing ta' assistenza lill-klijenti ta' taqsimiet oħra li volum għoli ta' talbiet għal assistenza.



# It-Tnedija **tar-Reġistru tal-Persuni**

Identità, flimkien mal-MITA u l-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, nedew ir-Reġistru tal-Persuni waqt l-Expo tas-Servizz Pubbliku 2024.

Ir-Reġistru tal-Persuni ġie stabbilit permezz tal-Avviż Legali LN 439 tal-2021, bit-titlu "Ir-Reġistru tal-Persuni u t-Tqassim ta' Data Personali fi ħdan is-Settur Pubbliku". L-iskop tiegħu huwa li joħloq sistema ċentralizzata ta' rekords li tkun tinkludi fiha dettalji personali essenzjali

taċ-ċittadini u fl-istess waqt tippermetti li jsiru rabtiet awtorizzati bejn dan ir-rekord u reġistri uffiċjali oħra li fihom data personali tal-istess individwu. Mad-dħul ta' dan l-Avviż Legali, l-entitajiet kollha tas-settur pubbliku li jiġġestixxu reġistri uffiċjali se jkunu meħtieġa li jingħaqdu mar-Reġistru tal-Persuni f'perjodu ta' 48 xahar.

Ir-Reġistru tal-Persuni jippermetti l-qsim tad-data personali fi ħdan is-settur pubbliku taħt salvagwardji u miżuri neċessarji biex din id-data tiġi kondiviża bejn entitajiet pubbliċi, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' "Once-Only" fir-rigward tal-ġbir, t-tqassim u l-użu mill-ġdid tad-data. Is-sistema tal-Common Database (CDB), li hija pjattaforma ta' qsim ta' informazzjoni tal-Gvern ta' Malta li tinżamm minn Identità u fiha informazzjoni dwar persuni, indirizzi u r-relazzjonijiet ta' bejniethom, se tiġi sostitwita gradwalment mir-Reġistru tal-Persuni.

Fid-29 ta' Jannar 2024, ir-Reġistru tal-Persuni beda jopera fi ħdan it-Taqsimiet ta' Identità. Dan ippermetta lill-utenti kollha tas-CDB fl-Aġenzija li jibdew jaċċessaw id-data permezz tar-Reġistru tal-Persuni. F'April tal-2024, bdew sensiela ta' laqgħat mal-Uffiċjali Kapijiet tal-Informazzjoni ta' kull Ministeru fejn kienu ppreżentati din is-sistema b'mod ġenerali u ġie spjegat lilhom dak li hu mistenni minnhom fil-proċess tal-onboarding mar-Reġistru tal-Persuni.

Ir-Reġistru tal-Persuni jinkludi wkoll User-Management System (UAM) biex jintegraw u jimmaniġġjaw -utenti. Kull Amministratur tas-Sistema ntalab jaħtar uffiċjali mill-uffiċċju tiegħu biex ikunu responsabbli mill-immaniġġjar tar-Reġistru tal-Persuni. Dawn ir-rwoli huma essenzjali għat-tranżizzjoni lejn ir-Reġistru tal-Persuni, li kull entità għandha l-obbligu li tagħmel skont l-Avviż Legali.

Is-sessjonijiet ta' taħriġ bdew fl-2024 u se jkomplu fl-2025. Dawn is-sessjonijiet isiru għal dawk kollha nvoluti u jagħtu ħarsa ġenerali lejn il-web app tar-Reġistru tal-Persuni u l-web app tal-UAM. Matul dawn is-sessjonijiet, jinħolqu u jiġu attivati l-kontijiet UAM għall-użu skont il-bżonn meħtieġ.

Ladarba entità tkun ġiet integrata, tingħata perjodu ta' tranżizzjoni ta' xahar, fejn is-CDB u r-Reġistru tal-Persuni jaħdmu b'mod parallel. Wara dan il-perjodu, l-aċċess għas-CDB jiġi diżattivat għal kull utent fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet rispettivi tiegħu.

Il-Ministeri u l-entitajiet governattivi qed jiġu mfakkra dwar l-obbligu tagħhom li jingħaqdu mar-Reġistru tal-Persuni f'perjodu ta' 48 xahar mid-data meta l-Avviż Legali ġie stabbilit.

L-għan ta' Identità huwa li sal-aħħar tal-2025, l-utenti kollha fis-settur pubbliku jkunu ġew integrati mar-Reġistru tal-Persuni, filwaqt li titkompla l-ħidma ma' dawk involuti fuq soluzzjonijiet li jridu jiġu integrati permezz ta' API sa Jannar tal-2028, kif stipulat fl-Avviż Legali.



# **Eżerċizzju ta' tiġdid** tal-karta tal-identità

Fl-2024, it-Taqsima tal-Karta tal-Identità nediet eżerċizzju ta' tiġdid tal-Karta tal-Identità, bil-għan li jinbidlu eluf ta' dokumenti li nħarġu waqt il-kampanja ta' tiġdid li kienet saret għaxar snin ilu. Dan il-pjan sar biex ikun aċċertat li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li l-karta tal-identità tagħhom kienet se tiskadi fl-2024 u fl-2025 ikunu jistgħu jġedduha fil-ħin. B'kollox dan affettwa madwar 190,000 detentur tal-Karta tal-Identità.

Sa mit-twaqqif tagħha fl-2013, fost l-ewwel prijoritajiet urġenti li l-Aġenzija Identità kellha kienet li tibdel il-karta tal-identità kollha taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin, hekk kif dawn kienu tħallew skaduti għal ħafna snin.

It-Taqsima tal-Karta tal-Identità implimentat pjan strateġiku biex tkun ippreparata biex tilqa' ammonti sostanzjali ta' applikazzjonijiet għat-tiġdid. Dan inkluda tibdil strutturali fil-bini u t-tqassim tal-uffiċċji. Inħolqu aktar spazji u desks biex aktar applikazzjonijiet jkunu jistgħu jintlaqgħu u jiġu proċessati b'mod effiċjenti. Inħolqot kamra ġdida ta' stennija sabiex tkun tista' tilqa' aktar nies u ġew estiżi l-ħinijiet tal-ftuħ sabiex l-esperjenza ġenerali tal-applikanti tkun waħda tajba. Iż-żieda ta' spazji tax-xogħol ġodda ġabet magħha l-ħtieġa ta' investiment f'tagħmir bijometriku ġdid u kompjuters ġodda.

Fir-rigward ta' reklutaġġ tar-riżorsa umana, id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani kellu rwol essenzjali biex jiżgura li jkun hemm biżżejjed impjegati biex ilaħħqu mal-volum ta' xogħol miżjud. Inħarġu diversi espressjonijiet ta' interess sabiex jiġu ngaġġati nies imħarrġa biex jagħtu dan is-servizz. Dawn l-espressjonijiet ta' interess kienu estiżi kemm fl-aġenzija kif ukoll f'dipartimenti oħra tal-gvern. Sar ukoll ingaġġ ta' eks-impjegati fis-Servizz Pubbliku.

Id-Dipartiment tal-Marketing u wr-Relazzjonijiet Pubbliċi nieda kampanja wiesa' ta' informazzjoni bil-għan li tinħoloq kuxjenza fost ċittadini Maltin u Għawdxin li għandhom karta tal-identità dwar l-iskadenza imminenti tad-dokument tagħhom u tiggwidahom fuq il-proċess ta' tiġdid, sabiex ikun żgurat li ċ-ċittadini kollha milquta jkunu preparati biex iġeddu d-dokumenti tagħhom.

F'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali Għawdxin, it-Taqsima tal-Karta tal-Identità Għawdxija pprovdiet servizz ta' tiġdid fil-lokalitajiet, u b'hekk ħaffet dan l-eżerċizzju ta' tiġdid.

Matul l-2024, inħarġu total ta' 83,994 karta tal-identità ġdida, li jinkludi tiġdid, dokumenti ġodda, sostituzzjonijiet għal karti mitlufa, u każijiet oħra li kienu jeħtieġu bidliet fid-dettalji tad-detentur.

# **Rilokazzjoni** Tas-Servizzi F'Għawdex

Bħala parti minn sensiela ta' inizjattivi strateġiċi ta' Identità, il-maġġoranza tas-servizzi tal-aġenzija f'Għawdex ġew rilokati f'binja ġdida fiċ-ċentru tar-Rabat, Għawdex. Din il-bidla tirriafferma l-impenn tal-aġenzija biex tkompli ttejjeb kemm l-ambjent tal-post tax-xogħol għall-impjegati kif ukoll l-esperjenza tal-klijenti tagħna.

It-Taqsima tal-Karta tal-Identità, l-Uffiċċju tal-Passaporti u t-Taqsima tar-Residenza ġew rilokati f'binja fi Triq Fortunato Mizzi.

Din il-binja ntgħażlet bil-għan li s-servizzi essenzjali mogħtija mill-Aġenzija jkunu kemm jista' jkun ċentralizzati, aċċessibbli u konvenjenti għal kulħadd. Bil-konsolidament tal-operat f'post wieħed, Identità rnexxielha tintegra s-servizzi tagħha b'mod aktar effiċjenti u organizzat, li jippermetti servizz aktar effiċjenti u effettiv. Il-klijenti f'Għawdex issa jistgħu jaċċessaw dawn is-servizzi minn post wieħed, u b'hekk tnaqqas il-ħin ta' stennija u ttejjeb is-servizz mogħti.

L-uffiċċju l-ġdid joffri ambjent tax-xogħol modern u spazjuż għall-impjegati kollha ta' Identità f'Għawdex. Dan it-titjib jimxi id f'id mal-mira li għandha l-Aġenzija li toħloq ambjent tax-xogħol sagħan li jħares il-benesseri u l-progress professjonali tal-impjegati.

Din ir-rilokazzjoni ssegwi l-istess passi li l-aġenzija adottat f'dawn l-aħħar snin, meta kienet irrilokat il-biċċa l-kbira tal-uffiċini tagħha għal postijiet aktar ċentrali u aċċessibbli.







# **Nipprijoritizzaw** is-saħħa mentali

F'deċiżjoni bla preċedenti minn mindu twaqqfet, l-Aġenzija Identità daħlet fi ftehim ma' Richmond Foundation - Malta, organizzazzjoni rinomata lokalment fil-promozzjoni

tal-għarfien tas-saħħa mentali u tipprovdi servizzi essenzjali f'dan il-qasam. Permezz ta' din l-inizjattiva tal-aġenzija qed tkompli tagħti prijorità lis-saħħa u l-benesseri tal-impjegati kollha tagħha, billi toħloq kultura tax-xogħol fejn kulħadd iħossu sigur u motivat biex jirnexxi.

Permezz ta' din il-kollaborazzjoni, l-impjegati tal-aġenzija jista' jkollhom aċċess għal firxa wiesa' ta' riżorsi għas-saħħa mentali, li jistgħu jgħinuhom biex jindirizzaw sfidi, irawmu reżiljenza, u jħarsu l-benesseri ġenerali tagħhom.

Din il-kollaborazzjoni ma' Richmond Foundation tmur lil hinn mill-aspettattivi bażiċi tal-ħaddiema tagħna—tirrappreżenta sforz intenzjonat biex nissuperaw dawn l-aspettattivi billi ninkorporaw is-saħħa mentali bħala pilastru ċentrali u aċċessibbli fil-kultura tal-Aġenzija. Flimkien ma' Richmond Foundation, qed nieħdu passi proattivi biex niżguraw li s-sostenn għas-saħħa mentali mhux biss ikun disponibbli, iżda jsir parti integrali tal-post tax-xogħol tagħna.

# Uffiċċju
# **Tal-Passaporti**

L-Uffiċċju tal-Passaporti jipproċessa applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' Passaport ġodda u t-tiġdid ta' dan id-dokument għal ċittadini Maltin, biex dawn ikunu jistgħu jivvjaġġaw internazzjonalment. Jikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà nazzjonali permezz tal-implimentazzjoni ta' proċessi stretti ta' verifika tal-identità f'konformità ma' standards internazzjonali għall-ħruġ tal-passaporti.

| | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|---|
| Passporti li nħarġu | 18,834 | 36,917 | 66,980 | 48,386 | 53,284 |
| Passaporti li nħarġu b'urġenza | 568 | 1,241 | 2,488 | 2,355 | 2,984 |
| Dokumenti tal-ivvjaġġar li nħarġu b'urġenza | 133 | 267 | 308 | 171 | 147 |



# **Titjib fis-Servizzi** tal-Uffiċċju tal-Passaporti fl-2024

Is-sena 2024, kienet waħda impenjattiva għall-Uffiċċju tal-Passaporti hekk kif kompla jipprovdi servizzi effiċjenti u ta' kwalità għolja liċ-ċittadini Maltin, kemm lokalment kif ukoll permezz tal-ambaxxati barra minn Malta.

*Inizjattiva ta' Notifika bl-SMS*

F'Jannar tal-2024, l-Uffiċċju tal-Passaporti informa lil mijiet ta' detenturi tal-passaport Malti li d-dokument tagħhom kien se jiskadi sa Settembru 2024, permezz ta' SMS. Din l-inizjattiva kellha l-għan li jitnaqqas kemm jista' jkun l-influss ta' applikazzjonijiet għal tiġdid u ħruġ ta' Passaporti u b'hekk il-proċess ikun aktar faċli u effiċjenti.

In-notifiki bl-SMS intbagħtu lill-individwi eliġibbli kollha, biex jiġu mfakkra dwar l-iskadenza tal-passaport tagħhom. Barra minn hekk, l-applikanti ġew imfakkra wkoll li jekk iġeddu l-Passaport tagħhom sal-aħħar ta' Marzu iħallsu €70 minflok €80, skont l-Avviż Legali 86 tal-2015.

L-applikanti kienu wkoll imħeġġa biex jagħmlu appuntament online qabel iżuru l-uffiċċju biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

*Impenn lejn il-kwalità*

Il-kollaborazzjoni mal-MEU u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fuq il-Quality Award baqgħet prijorità assoluta. L-Uffiċċju tal-Passaport baqa' kommess li jimplimenta azzjonijiet strateġiċi u kull xahar żamm laqgħat mad-Direttorat tal-Kwalità tas-Servizz bil-għan li jkomplu jissaħħu l-istrutturi nterni. Il-kwalità tas-servizz kienet evalwata regolarment permezz ta' eżerċizzji ta' mystery shoppers u ta' stħarriġ biex ikun imkejjel il-livell ta' sodisfazzjon tal-klijenti dwar is-servizz mogħti lilhom, sabiex b'hekk ikun assigurat li s-servizz mogħti mill-Uffiċċju tal-Passaporti ikun tal-ogħla livell.



# Ir-Reġistru **Pubbliku**

Ir-Reġistru Pubbliku jżomm rekords ta' Atti ta' Stat Ċivili inkluż ta' Atti ta' Twelid, Reġistrazzjoni ta' Adozzjoni, Żwieġ, Unjoni Ċivili, Koabitazzjoni u Mewt. Ir-Reġistru Pubbliku jirreġistra wkoll Atti tal-Istat Ċivili u annotazzjonijiet li jsiru wara li jinħareġ digriet mill-Qorti, filwaqt li joħroġ kopji taċ-ċertifikati.

## Statistika

| | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|---|
| Twelid Lokali Reġistrati | 4,206 | 4,164 | 3,978 | 4,204 | 4,107 |
| Mwiet Lokali Reġistrati | 3,570 | 3,699 | 3,783 | 3,915 | 3,764 |
| Numru ta' Notifikazzjonijiet Barranin | 3,642 | 3,703 | 3,275 | 4,390 | 5,358 |
| Applikazzjonijiet għall-Pubblikazzjoni ta' Banns taż-Żwieġ | 1,652 | 2,206 | 2,271 | 2,077 | 2,052 |
| Żwiġijiet Ċivili Reġistrati | 714 | 992 | 1,217 | 1,198 | 1,255 |
| Żwiġijiet Reliġjużi Reġistrati | 315 | 1,006 | 1,032 | 836 | 739 |
| Numru ta' Annotazzjonijiet u Aġġustamenti | 2,174 | 3,704 | 4,800 | 3,924 | 3,410 |
| Total ta' Ċertifikati tat-Twelid, Żwiġijiet u Mwiet maħruġa | 56,200 | 68,388 | 69,042 | 68,987 | 73,764 |
| Ċertifikati ta' Twelid, Żwiġijiet u Mwiet li nħarġu onlajn | 29,319 (52%) | 40,069 (58.5%) | 40,960 (59,3%) | 39,217 (56.8%) | 42,425 (57.5%) |

Fl-2024, ir-Reġistru Pubbliku pproċessa 4,107 reġistrazzjoni tat-twelid u 3,746 reġistrazzjoni ta' mwiet. L-Uffiċċju li l-Aġenzija għandha fl-Isptar Mater Dei jibqa' l-aktar uffiċċju li konvenjenti għall-pubbliku biex jissottomettu notifika ta' twelid u mwiet. Fil-fatt aktar minn 90% tat-twelid u 60% tan-notifikazzjoni tal-imwiet saru f'dan l-uffiċċju.

Matul dan il-perjodu, ir-Reġistru Pubbliku pproċessa wkoll 5,358 notifika ta' Atti ta' stat ċivili barranin ta' ċittadini Maltin li seħħew barra l-pajjiż. Dawn in-notifiki ġew sottomessi fl-uffiċċji tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta u Għawdex, kif ukoll permezz tal-Missjonijiet Maltin barranin.

Ir-Reġistru Pubbliku rċieva u pproċessa 73,764 ordni ta' ċertifikati tat-twelid, taż-żwiġijiet u tal-imwiet matul l-2024. Il-portal tar-Reġistru Pubbliku www.certifikati.identita.gov.mt baqa' l-aktar metodu popolari biex jiġu ordnati dawn iċ-ċertifikati. Fil-fatt aktar minn 57% tal-ordnijiet, saru permezz ta' dan il-portal.

Is-Sezzjoni tar-Reġistru taż-Żwieġ irċieva total ta' 2,052 applikazzjoni għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet taż-żwieġ matul dan il-perjodu, filwaqt li mpjegati ta' din is-sezzjoni uffiċjalizzaw 1,118-il ċerimonja.

Id-domanda għal formoli standard multilingwi maħruġa skont ir-Regolamenti (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill żdiedet b'mod sinifikanti wara d-diġitalizzazzjoni ta' dan il-proċess. Fl-2024, ġew ipproċessati 1,724 għajnuniet għat-traduzzjoni, żieda ta' 23% meta mqabbel mal-2023.





# **Ikkommemorati sitt snin** ta' servizz mill-uffiċċju ta' Mater Dei

F'April, Identità kkommemorat is-sitt anniversarju mill-ftuħ tal-uffiċċju tagħha fl-Isptar Mater Dei – pass importanti fis-servizz pubbliku li jpoġġi lill-klijent fiċ-ċentru tal-operat. Minn meta nfetaħ fl-2018, dan l-uffiċċju dejjem serva bħala l-post ewlieni għan-notifikazzjonijiet ta' twelid u mewt, fejn ġew ipproċessati kważi 35,000 notifika ta' twelid u mewt – li jammontaw għal aktar minn 70% tan-notifiki kollha f'Malta.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, Byron Camilleri, l-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, Jo Etienne Abela u l-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Identità, Steve Agius, żaru u ltaqgħu mal-ħaddiema li jamministraw dan l-uffiċċju. Iż-żieda fid-domanda għas-servizzi mogħti minn dan l-uffiċċju tikkonferma li d-deċiżjoni tal-Aġenzija li tpoġġi lill-klijent fil-qalba tal-ippjanar strateġiku tagħha, kienet waħda għaqlija u ta' suċċess.

Il-Kap Eżekuttiv Steve Agius tenna l-impenn tal-aġenzija li tkompli toffri servizzi aċċessibbli u empatetiċi, speċjalment f'mumenti delikati bħal reġistrazzjoni ta' mewt jew emerġenzi mediċi li jinvolvu trabi tat-twelid. Permezz ta' kollaborazzjoni kontinwa mal-istaff ta' Mater Dei u inizjattivi ta' taħriġ speċjalizzat, Identità tiżgura li s-servizzi tagħha jibqgħu effettivi u ta' kompassjoni.



# Tisħiħ **tal-esperjenza tal-klijenti**

Ir-Reġistru Pubbliku ta' Malta jibqa' kommess li jkompli jsaħħaħ ir-riżorsi kollha disponibbli u jesplora mezzi differenti sabiex jassigura li s-servizzi tiegħu jibqgħu effiċjenti u effettivi.

Għal dan il-għan, saru diversi laqgħat ta' skambju ta' informazzjoni mal-Kummissjonijiet Għolja u Ambaxxati f'Malta kif ukoll ma' membri tal-korpi diplomatiċi Maltin stazzjonati barra minn xtutna. Dawn l-inizjattivi kellhom l-għan li jżidu l-għarfien tar-Reġistru Pubbliku, kif ukoll il-kapaċitajiet tiegħu biex ikun jista' jassisti ċ-ċittadini Maltin li jgħixu barra minn Malta kif ukoll barranin li jgħixu f'pajjiżna meta dawn jitolbu servizzi tar-Reġistru Pubbliku.

Barra minn hekk, ir-Reġistru Pubbliku ħadem mill-qrib ma' entitajiet oħra li jassistu barranin li jgħixu u jaħdmu Malta. Dawn il-kollaborazzjonijiet għandhom l-għan li jissimplifikaw il-proċessi ta' notifiki u reġistrazzjonijiet ta' twelid, żwiġijiet u mwiet, biex tissaħħaħ l-effiċjenza l-aċċessibiltà u tas-servizz.

Impjegati tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta attendew numru ta' korsijiet u sessjonijiet ta' tagħrif tekniku, inkluż Kors ta' Taħriġ fuq il-Verifiki ta' Dokumenti organizzat mill-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati. Saru wkoll laqgħat mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu biex jiġu diskussi l-ambitu, il-funzjoni u r-rikonoxximent tal-apostille u dokumenti ta' legalizzazzjoni, kif ukoll l-Aġenzija tal-Protezzjoni Internazzjonali sabiex jinkiseb aktar għarfien dwar l-irwol tagħha u jiġu esplorati opportunitajiet ta' kollaborazzjonijiet eqreb mar-Reġistru Pubbliku.



# **Promozzjoni tas-servizzi** tar-reġistru pubbliku

Matul l-2024 ir-Reġistru Pubbliku ta' Malta kompla jippromwovi s-servizzi varji u jtejjeb l-aċċessibiltà għas-servizzi permezz ta' diversi parteċipazzjonijiet fi programmi lokali fuq it-televiżjoni u r-radju. Uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku spjegaw il-funzjonijiet u s-servizzi mogħtija kif ukoll dwar kif wieħed jista' jaċċessahom.

Barra minn hekk, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz ta' Servizz Għożża, ir-Reġistru Pubbliku għamel sessjoni ta' informazzjoni għal tfajliet taħt l-età li qed jistennew tarbija flimkien mal-ġenituri u l-kustodji tagħhom, dwar is-servizzi li jaf jiġu bżonn.

# Taqsima **Tal-Karta Tal-Identità**

It-Taqsima tal-Karta tal-Identità hija responsabbli mill-ħruġ u l-immaniġġjar tal-Karta tal-Identità Maltija u l-kontijiet elettroniċi tal-eID. Permezz tal-provvediment ta' Karti tal-Identità siguri u msaħħa bid-dettalji bijometriċi, it-Taqsima tikkontribwixxi f'diversi oqsma fosthom fl-infurzar tal-liġi, servizzi pubbliċi u tranżazzjonijiet finanzjarji, billi tassigura l-integrità tal-proċessi tal-identifikazzjoni personali f'Malta. Aktar minn hekk, it-Taqsima tal-Karta tal-Identità għandha rwol kruċjali fit-tisħiħ tal-miżuri ta' sigurtà u kontra serq tal-identità.

## Statistika

| | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|---|
| Total ta' Karti tal-Identità maħruġa | 34,157 | 41,826 | 42,021 | 40,415 | 83,994 |
| Applikazzjonijiet ġodda | 5,506 | 5,317 | 5,340 | 4,830 | 4,578 |
| Tiġdid | 28,651 | 36,509 | 36,681 | 35,585 | 43,828 |
| Kontijiet tal-eID (virtwali) ġodda ta' attivati | 76,754 | 70,388 | 41,210 | 26,643 | 31,353 |
| Tranżazzjonijiet taċ-Ċittadini permezz tal-kontijiet tal-eID | 7,452,596 | 11,650,153 | 11,841,175 | 12,998,900 | 13,430,167 |
| Żjarat fid-djar | 390 | 1,522 | 1,172 | 1,493 | 3,817 |

## **Żieda fid-domanda** għas-servizzi tat-taqsima tal-karta tal-identità fl-2024

Fl-2024, it-Taqsima tal-Karta tal-Identità esperjenzat żieda sinifikanti fid-domanda għas-servizzi tagħha. L-ammont totali ta' karti tal-identità kien aktar mid-doppju meta mqabbel ma' snin preċedenti, u dan juri l-impenn tat-taqsima biex jipprovdi servizz effiċjenti u f'waqtu. B'kollox, inħarġu 83,994 Karta tal-Identità Maltija, bl-ammont jinkludi 4,756 applikazzjoni ġdida, 43,781 tiġdid, u l-bqija maħruġa minħabba dokumenti mitlufa jew bidliet f'dettalji personali bħall-isem, il-kunjom jew l-indirizz.

Iż-żieda fid-domanda kienet riflessa wkoll fin-numru ta' żjarat li saru fid-djar, li laħqu t-3,817. Dan is-servizz essenzjali jiżgura li individwi bi sfidi ta' mobbiltà jkunu jistgħu xorta waħda jagħmlu użu mis-servizzi offruti mit-Taqsima tal-Karta tal-identità mingħajr diffikultà.

Barra minn hekk, l-użu tal-kontijiet tal-eID laħaq livelli rekord, b'aktar minn 13-il miljun transazzjoni rreġistrata fl-2024. Din hi turija ċara kif l-użu ta' dan is-servizz online dejjem qed jikber u għalhekk qed jiżdied il-bżonn tal-verifika sigura tal-identità diġitali.

## Expo u **notte bianca**

It-Taqsima tal-Karta tal-Identità ħadet sehem fil-Public Service EXPO 2024 bħala parti mill-Mass Rollout Project. Is-sehem tat-Taqsima kien jinkludi l-ipproċessar b'suċċess ta' Karti tal-Identità u kontijiet tal-eID għall-klijenti. Dan il-proġett kien ta' suċċess kbir, grazzi għad-domanda kbira li kien hemm mill-pubbliku. B'kollox, ġew ipproċessati 533 Karta tal-Identità u 84 kont tal-eID.

It-Taqsima tal-Karta tal-Identità ħadet sehem ukoll fin-Notte Bianca, fejn ipprovdiet għajnuna u tagħrif lil persuni li kellhom bżonn għajnuna bil-kontijiet tal-eID tagħhom.



# Taqsima **Tar-Riċerki**

It-Taqsima tar-Riċerki sservi bħala repożitorju għal database komprensiva li fiha wieħed isib rekords ta' reġistrazzjoni, inkluż kuntratti pubbliċi u testmenti. Din it-Taqsima hi responsabbli mill-ipproċessar ta' ordnijiet ta' riċerki relatati kemm ma' individwi kif ukoll ma' entitajiet. Dawn ir-riċerki huma kruċjali fil-kuntest tar-reġistrazzjoni ta' noti relatati mat-trasferiment ta' proprjetà mmobbli, kemm permezz ta' tranżazzjonijiet 'inter vivos' kif ukoll f'każijiet ta' 'causa mortis'. It-Taqsima tar-Riċerki tissorvelja r-reġistrazzjoni ta' noti ta' ipoteki u privileġġi, li jservu bħala salvagwardja għal obbligi bħalma huma self u l-ħlas ta' ċnus.

Barra minn hekk, it-Taqsima tar-Riċerki għandha rwol kruċjali fl-iskrutinju ta' atti relatati ma' Testmenti Pubbliċi. Dan l-iskrutinju huwa essenzjali biex jiġi stabbilit jekk testment ġiex uffiċjalment irreġistrat mar-Reġistru Pubbliku, u b'hekk tiġi żgurata t-trasparenza u l-aċċessibbiltà għal dokumentazzjoni testamentarja. Permezz taż-żamma metikoluża ta' rekords u l-faċilitazzjoni ta' tiftix, it-Taqsima tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-effiċjenza u l-affidabbiltà tal-funzjonijiet tar-Reġistru Pubbliku relatati ma' tranżazzjonijiet ta' proprjetà u obbligazzjonijiet legali.



| | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riċerki** | | | | | |
| Ordnijiet ta' Testmenti | 11,740 | 14,087 | 14,055 | 14,280 | 15,033 |
| Updates ta' Referenza | 617 | 529 | 420 | 512 | 312 |
| Ordnijiet ta' Prijorità | 14,035 | 18,403 | 19,962 | 19,644 | 16,938 |
| Ordnijiet Normali | 88,786 | 104,763 | 102,077 | 101,136 | 108,886 |
| Updates fuq Ordnijiet | 53,610 | 67,241 | 70,207 | 66,479 | 70,788 |
| **Total ta' Riċerki** | **168,788** | **205,023** | **206,721** | **202,051** | **211,937** |
| **Noti** | **65,223** | **87,568** | **84,733** | **77,983** | **80,334** |

Il-figuri miġbura fit-tabella t'hawn fuq juru li matul dawn l-aħħar ħames snin kien hemm żieda sostanzjali fit-total ta' riċerki. Matul is-sena li għaddiet kienet reġistrata żieda ta' 4.8% fin-numru ta' riċerki proċessati fuq is-sena ta' qabel, u kienet reġistrata wkoll żieda minima ta' 0.03% fl-ammont ta' noti maħruġa fl-2024 meta mqabbla mas-sena 2023.



# Sistema ġdida għat-tisħiħ tad-diġitalizzazzjoni fl-ipproċessar u l-ħruġ tar-riċerki

Ir-riċerki Testamentarji u l-Updates baqgħu jinħadmu mill-bidu sal-aħħar permezz tal-portal diġitali, bil-firma diġitali kwalifikata tal-avukati tat-taqsima u l-klijent ikun jista' jniżżel l-istess riċerki onlajn. Issokta wkoll l-assessjar tal-proċessi fuq is-sistema l-ġdida mqabbla ma' dik aktar antika bil-għan li s-servizz jibqa' jingħata bl-aktar mod effiċjenti possibbli.

Sar eżerċizzju ħolistiku mill-managers tas-sezzjonijiet kollha tal-back office li permezz tiegħu ġew identifikati xi ostakli waqt li kien qed isir ix-xogħol fuq l-Updates u r-riċerki Testamentarji fuq is-sistema l-ġdida, sabiex dawn jiġu ndirizzati kemm mir-rappreżentant estern tas-sistema u mid-Dipartiment tal-Informazzjoni u Teknoloġija tal-Aġenzija. Kull proċess baqa' jiġi evalwat bil-għan li s-sistema taħdem bl-aktar mod effiċjenti possibbli u l-klijenti jinqdew bl-effiċjenza li dejjem inqdew biha.

Barra minn dan, inżammet ukoll statistika tal-ħin li jittieħed għal proċess li isir b'mod diġitali u dak manwali fejn kien innutat li kien hemm bżonn li tingħata aktar attenzjoni lill-adattament tas-sistema l-ġdida fir-rigward tal-istadji differenti tal-ipproċessar tar-riċerki. Irriżulta wkoll li kien hemm bżonn aktar attenzjoni fuq l-ivvettjar tar-riċerki. Dan hu l-uniku stadju tal-proċess kollu li fuq is-sistema l-antika ma jinvolvi kważi ebda aspett diġitali u jsir kollu kemm hu fuq il-karta. Dan jirrikjedi attenzjoni ntensiva ħafna mill-impjegati ta' din it-taqsima għaliex ikun jinħtieġ li jifli b'reqqa kull nota inkwistjoni (l-eqdem noti jmorru lura sal-1859).

Għaldaqstant meta wieħed jikkonsidra dan kollu, flimkien man-numru dejjem jiżdied tar-riċerki ordnati u ż-żmien ristrett ħafna li fihom iridu jinħadmu, kif stipulat fil-liġi, irid ikun żgurat li s-sistema l-ġdida mhux biss tħaffef ix-xogħol imma tnaqqas il-pressjoni fuq l-impjegat billi jkun aktar kunfidenti li jissortja r-riżultat tar-riċerka fuq skrin milli jqalleb il-karti.

Dan l-eżerċizzju serva wkoll sabiex tressqu għadd ta' suġġerimenti validi li l-għan tagħhom huwa li l-proċess ikun wieħed mill-aktar mexxej u effiċjenti. Fosthom qed ikunu kkunsidrati tibdiliet żgħar fil-mod li bih tiġi stabbilita konnessjoni bejn żewġ dokumenti partikolari u li tassigura li din ir-rabta ssir eżatt fil-punt li n-nota tiġi rreġistrata u tibqa' viżibbli sakemm  tkun qed tinħadem ir-riċerka.



## Implimentazzjoni ta' proġetti ġodda

It-Taqsima tar-Riċerki ħolqot template ġdida temporanja għar-Reġistrazzjoni tan-Noti. L-għan ta' dan il-proġett huwa sabiex il-proċess tar-reġistrazzjoni tan-noti tkun tista' ssir b'mod aktar professjonali u flessibilità min-naħa tal-operat.

Proġett ieħor li bdiet timplimenta t-Taqsima tar-Riċerki jirrigwardja d-dati ta' reġistrazzjoni ta' noti li ġew irreġistrati qabel l-2016. Mill-2016 'il quddiem, daħlet policy ġdida li permezz tagħha, d-data tar-reġistrazzjoni ta' kull nota tittella' fis-sistema. Din waslet sabiex il-proċess tal-vetting u l-verifika jitħaffef meta jiġu miflija dawn in-noti mingħajr ma ġiet kompromessa l-kwalità u l-effiċjenza.

Madanakollu, in-noti kollha l-oħra li daħlu qabel l-2016 (bl-eqdem noti imorru lura sal-1859), ma għandhomx id-dati tar-reġistrazzjoni imdaħħlin fis-sistema u għaldaqstant, il-proċess tal-verifika ta' dawn in-noti, meta tkun ipproċessata riċerka, jieħu ftit aktar fit-tul.

Għaldaqstant, tnieda eżerċizzju fejn dettalji bażiċi u d-data tar-reġistrazzjoni tan-noti rreġistrati fl-2015 u fis-snin ta' qabel, bdew jitniżżlu f'excel sheet simili għal dik li tkun mimlija kuljum meta jiġu indiċjati n-noti li jippreżentaw in-nutara. Dawn eventwalment se jibdew jittellgħu fis-sistema u b'hekk id-data tibda tidher fl-indiċi tan-noti anke waqt li jkunu qed jinħadmu r-riċerki.



# It-taqsima **tal-espatrijati**

It-Taqsima tal-Espatrijati taqdi rwol importanti għall-ekonomija Maltija, permezz tal-proċessi ta' migrazzjoni legali. It-Taqsima hija responsabbli mill-ipproċessar u l-ħruġ ta' dokumentazzjoni ta' residenza, filwaqt li ssegwi b'diliġenza d-dispożizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea.

Fil-qalba tal-operazzjonijiet tagħha hemm il-funzjoni essenzjali tal-iskrutinju tad-dokumentazzjoni uffiċjali ppreżentata mill-applikanti. Dan il-proċess metikoluż ta' verifika jiżgura li l-applikanti jipprovdu l-evidenza meħtieġa u adegwata għall-applikazzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, it-Taqsima tikkollabora ma' diversi awtoritajiet lokali involuti wkoll fil-proċess ta' migrazzjoni legali, u toħloq pjattaforma komprensiva u integrata għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dan l-approċċ mhux biss jissimplifika l-proċess tal-applikazzjoni, iżda wkoll jiffaċilita sistema koerenti għal applikanti li qed jinħtieġu dokumenti jew permessi ta' residenza u xogħol f'Malta.



# **L-integrazzjoni tat-taqsima tal-espatrijati** u t-taqsima ċentrali tal-viża

Fl-2024, ġiet implimentata bidla strutturali sinifikanti bil-konsolidazzjoni tat-Taqsima tal-Espatrijati u t-Taqsima Ċentrali tal-Viża taħt is-sezzjoni l-ġdida tal-Affarijiet tal-Immigrazzjoni.

It-Taqsima tal-Espatrijati, li hi responsabbli għall-ħruġ ta' permessi u dokumenti lill-barranin biex jgħixu u jaħdmu legalment f'Malta, issa ngħaqdet mat-Taqsima Ċentrali tal-Viża, li hija responsabbli għall-ħruġ ta' viżi ta' residenza twila (long-stay visas) lill-barranin li jixtiequ jivvjaġġaw u jibqgħu Malta għal aktar minn 90 jum.

Billi dawn iż-żewġ taqsimiet ġew integrati flimkien, is-sezzjoni tal-Affarijiet tal-Immigrazzjoni issa tinsab f'pożizzjoni aħjar biex tipprovdi servizz aħjar kemm lil ċittadini barranin kif ukoll għal min iħaddem.

Din l-integrazzjoni ħolqot approċċ aktar koerenti għall-immigrazzjoni u tippermetti li l-proċessi interni jaħdmu b'mod aktar effiċjenti. Iż-żewġ taqsimiet wettqu wkoll reviżjoni tas-sistemi tagħhom sabiex jidentifikaw aspetti kruċjali tal-proċessi li jistgħu jiġu mtejba, bil-għan li jippromwovu governanza tajba, effiċjenza u servizz aħjar.



# Żviluppi ewlenin fil-proċessi **tal-immigrazzjoni**

Is-sena 2024 kienet waħda ta' bosta sfidi għat-Taqsima tal-Espatrijati hekk kif ġew jiġu mplimentati bidliet sinifikanti biex jilqgħu għal diversi bidliet ġodda introdotti mill-Gvern f'diversi setturi, li kellhom impatt dirett fuq is-settur tal-immigrazzjoni. Dawn il-bidliet ipprovdew opportunità eċċellenti għal Identità biex ittejjeb il-kollaborazzjoni tagħha ma' entitajiet oħra tal-Gvern, u b'hekk issaħħet l-approċċ ta' Malta fid-dawl tal-immigrazzjoni.

Tliet bidliet leġiżlattivi prominenti li ġew infurzati minn Identità matul is-sena 2024 kienu: il-Liċenzja l-ġdida tad-DIER għall-Aġenziji tat-Temping, Reklutaġġ u Outsourcing; l-introduzzjoni tal-iSkills Pass għall-impjegati fis-settur tat-turiżmu u l-ospitalità; kif ukoll ir-rekwiżit għal assigurazzjoni tas-saħħa wara l-emendi fl-Att dwar il-Ħlasijiet għas-Servizzi tas-Saħħa. Dawn it-tliet bidliet ġew introdotti fix-xhur tas-sajf, bl-ewwel żvilupp ewlieni kien il-liċenzja għall-Aġenziji tat-Temping, Reklutaġġ u Outsourcing.

Identità ħadmet mill-qrib kemm mad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi (DIER) kif ukoll ma' Jobsplus biex tiżgura li aġenziji liċenzjati biss ikunu awtorizzati jissottomettu applikazzjonijiet għal Single Work Permit ma' Identità, b'hekk jiġi żgurat proċess aktar effiċjenti u konformi. L-aspett uman ta' din il-bidla leġiżlattiva kien eżerċizzju ta' bilanċ, li twettaq f'kollaborazzjoni mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, fejn impjegati ta' pajjiżi terzi (TCNs) li kienu jaħdmu ma' min mhux konformi, ġew mgħejjuna biex iżommu l-istatus legali tagħhom f'Malta.

Intant, f'Lulju, bdiet l-ewwel fażi tar-rekwiżit obbligatorju tal-iSkills Pass għall-impjegati ġodda fis-settur tat-turiżmu u l-ospitalità. Identità ġiet inkarigata li tiżgura li l-impjegati l-ġodda kollha minn pajjiżi terzi li jaħdmu direttament f'dan is-settur, kif ukoll dawk impjegati minn kumpaniji tat-temping, outsourcing u reklutaġġ li jiġu assenjati f'negozji tal-ospitalità, ikollhom ċertifikat awtentikat tal-iSkills Pass. It-Taqsima tal-Espatrijati ħadmet mill-qrib mas-Sezzjoni tal-iSkills Pass tal-Istitut għas-Servizzi tat-Turiżmu, l-ITS, biex ittejjeb il-proċessi tal-eżamijiet f'konformità mar-rekwiżiti fil-liġi tal-immigrazzjoni. Din il-kollaborazzjoni se tkompli matul is-sena 2025, bil-fażi li jmiss tkun immirata lejn it-tiġdid tal-permessi ta' xogħol tat-TCNs f'dan is-settur.



F'Awwissu, Identità ħadet irwol ewlieni biex tiżgura li TCNs li jgħixu Malta u li mhumiex intitolati għal kura tas-saħħa bla ħlas ikunu koperti minn assigurazzjoni privata tas-saħħa. Biex jiffaċilità dan il-proċess, Identità ħadmet bħala intermedjarju bejn il-ħtiġijiet tal-Awtoritajiet tas-Saħħa u l-Assoċjazzjoni tal-Assigurazzjoni f'Malta biex jiġi żgurat li t-TCNs ikunu jistgħu jsibu b'mod faċli servizz ta' assigurazzjoni xieraq mill-kumpaniji kollha tal-assigurazzjoni, jiġifieri, assigurazzjoni tas-saħħa li ma tistax tiġi revokata u li tkopri minimu ta' €100,000, inkluż għall-isptarijiet f'Malta, l-Istati Membri tal-UE u r-Renju Unit, trattamenti ta' daycare u trattamenti barra l-isptar.

Il-bidliet fit-Taqsima tal-Espatrijati ma kinux biss riżultat ta' tibdil leġiżlattiv, iżda wkoll ta' politiki interni ffukati fuq it-trasparenza u tmexxija tajba.

Miżuri bħall-formola tal-attestazzjoni tal-ftehim tal-kera u d-dikjarazzjoni tal-akkomodazzjoni ġew introdotti, wara konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati, sabiex jitnaqqas l-abbuż fil-postijiet tar-residenza li huma ddikjarati, u jiġu pprovduti proċessi aktar siguri u affidabbli għal kull min hu involut. Bidla oħra kienet it-tranżizzjoni tat-talbiet għat-trasferiment ta' negozju, merger jew takeover li saru fuq il-portal online ta' Identità, u li kienet kruċjali biex ħaddiema TCN ikunu infurmati meta jkunu qed jiġu ttrasferiti minn impjegatur għal ieħor.

Il-programmi għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi b'ħiliet għolja (KEI) ġew imtejba wkoll matul l-2024, prinċipalment permezz tal-implimentazzjoni tad-direttiva l-ġdida tal-EU Blue Card u l-introduzzjoni ta' politika interna li tippermetti lill-impjegati KEI li jaqilgħu aktar minn €50,000 fis-sena jġibu l-membri immedjati tal-familja tagħhom f'Malta mill-ewwel.

It-Taqsima tal-Espatrijati se tibqa' impenjata li tkompli ttejjeb il-proċessi tal-immigrazzjoni ta' Malta, tipproteġi lir-residenti barranin li huma konformi, u tagħmel lil Malta post aktar attraenti għall-professjonisti biex jgħixu u jaħdmu fih. Il-ħidma u d-dedikazzjoni fl-2024 jistgħu jitqiesu bħala pass eqreb għal bidliet oħra f'dan is-settur, hekk kif l-implimentazzjoni tal-Politika dwar il-Migrazzjoni tax-Xogħol f'Malta mistennija titwettaq dalwaqt.



# **Taqsima ċentrali** tal-viża

It-Taqsima Ċentrali tal-Viża hija l-awtorità ċentrali tal-Gvern responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar il-viża u d-dispożizzjonijiet deskritti fl-Acquis ta' Schengen. Ir-responsabbiltà tal-ħruġ ta' viża hija maqsuma mal-Missjonijiet Diplomatiċi ta' Malta barra minn xtutna.

## Servizz estiż u mifrux f'aktar pajjiżi

Matul is-sena 2024 tkompliet il-ħidma u l-avvanz fuq l-Extended Service, fejn żdiedu l-pajjiżi li fihom wieħed jista' isib Visa Application Centre, u b'hekk ikun jista' japplika għall-viża fil-pajjiż tiegħu stess.

Minkejja l-fatt li żdiedu b'mod sostanzjali l-ammont ta' pajjiżi madwar id-dinja li fihom wieħed jista' faċilment japplika għall-viża tiegħu, minħabba raġunijiet ta' loġistika, xorta waħda baqa' ammont żgħir ta' pajjiżi fejn l-operat għadu pendenti. B'hekk it-Taqsima tal-Viża ra illi sakemm l-operat ta' dawn il-pajjiżi jidħol fis-seħħ, jiffaċilita l-proċess billi ntroduċa servizz postali fil-Brażil, Veneżwela, ċ-Ċili, l-Arġentina, l-Kolumbja u l-Ġappun.

Saret ukoll reviżjoni tal-proċess tal-Viża, li minna inħarġu punti validi ta' kif nistgħu intejbu s-sistema preżenti. Bħala parti minn dan il-proċess ta' titjib, b'mod ġenerali, qed naraw li jiġu implimentati proċeduri sabiex is-sistema issir waħda iktar effiċjenti u iżjed trasparenti. Dan l-għan ser jintlaħaq permezz ta' miżuri li jaċċertaw proċeduri bil-miktub u ċari, kif ukoll permezz ta' avvanzi teknoloġiċi li jistgħu jassistu u jiffaċilitaw il-proċess.

Inħoloq kumitat intern bl-għan speċifiku li jiffoka fuq ir-riforma tal-ipproċessar tal-Viża tal-istudenti. Saru bosta diskussjonijiet u konsultazzjonijiet ma' stakeholders, sabiex id-dipartiment ikollu stampa ċara tal-proċess min-naħa tal-applikanti, u jsiru avvanzi li jibbenifikaw il-partijiet kollha involuti. L-għan huwa dak li Malta ssir destinazzjoni ewlenija għall-istudju.

It-Taqsima Ċentrali tal-Viża irrevediet il-lista ta' dokumenti mitluba mill-applikanti biex jiġi spjegat b'mod ċar id-dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Viża. Saru wkoll emendi fuq ir-Refusal Letter, sabiex l-applikant ikun infurmat għala l-applikazzjoni tiegħu kienet rifjutata.



# Taqsima **tal-compliance**

It-Taqsima tal-Compliance tassisti fil-proċessi ta' due diligence neċessarji tal-Aġenzija b'mod ġenerali, u dan jinkludi l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi (primarjament għal raġunijiet ta' impjieg u studju) u l-ħruġ ta' viżi. It-Taqsima għandha l-awtorità statutorja li twettaq kontrolli biex tivverifika jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi humiex qed isegwu l-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-dokumenti tagħhom biex jibqgħu Malta.

It-Taqsima tal-Compliance hija maqsuma f'żewġ sezzjonijiet: is-Sezzjoni ta' Rappurtaġġ u s-Sezzjoni tal-Kontrolli Interni.

| | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|---|
| Total ta' Intervisti FOM Mitluba | 566 | 653 | 705 | 761 | 516 |
| Numru ta' investigazzjonijiet miftuħa | 112 | 221 | 163 | 197 | 446 |
| Każijiet solvuti | 92 | 194 | 198 | 130 | 308 |
| Total ta' Spezzjonijiet li saru fuq postijiet diversi | 2 | 20 | 40 | 176 | 215 |

# **Sezzjoni** tar-Rappurtaġġ

Kif imsemmi qabel f'dan ir-rapport annwali, din it-taqsima kellha rwol kruċjali fil-ħarsien tal-liġi u fil-prattiku li jiżguraw li l-applikanti, l-impjegaturi, u l-partijiet interessati kollha lokali involuti fil-proċessi relatati ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) li jaħdmu u jgħixu f'Malta jkunu konformi mal-liġijiet u r-regolamenti kollha rilevanti.

Din it-taqsima kellha wkoll rwol sinifikanti f'każijiet ta' illegalitajiet relatati ma' indirizzi. Matul it-tieni kwart tal-2024, kien innutat żieda f'kuntratti ta' kiri foloz jew ffalsifikati kif ukoll f'approvazzjonijiet tal-Awtorità tad-Djar foloz. Dan wassal għal 42 investigazzjoni mmirata, minn fejn 9 ġew konklużi b'suċċess, u kienu jinvolvu total ta' 25 indirizz. Dawn il-każijiet ġew riferuti lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta għal aktar azzjoni, inkluż proċeduri legali fil-qorti.

Il-kollaborazzjoni bejn is-Sezzjoni tar-Rapportaġġ, l-infurzar tal-liġi, u entitajiet regolatorji oħra kienet kruċjali biex jiġu identifikati u indirizzati attivitajiet illegali. Dawn l-isforzi wasslu għal numru ta' arresti u saħħew l-importanza tal-kooperazzjoni interdipartimentali biex tinżamm il-konformità regolatorja u l-kontabbiltà.




# Sezzjoni **tal-Kontrolli Interni**

It-Taqsima tal-Kontrolli Interni li tagħmel parti mit-Taqsima tal-Compliance fi ħdan l-Aġenzija Identità sservi rwol kruċjali biex tkompli ssaħħaħ il-governanza korporattiva. L-istess sezzjoni tieħu ħsieb li timxi mar-regoli, ir-regolamenti u l-politiki interni, sabiex tassigura trasparenza sħiħa fl-organizzazzjoni. Barra minn hekk, permezz ta' etika xierqa u responsabbiltà, is-Sezzjoni tikkontribwixxi kultura ta' integrità fl-Aġenzija. Permezz ta' verifiki interni li jsiru fuq bażi regolari u verifiki tal-fatti, issaħħaħ l-effiċjenza tal-operat u tal-compliance filwaqt li tidentifika oqsma oħra li jista' jkollhom bżonn titjib.

Fl-2024, is-Sezzjoni tal-Kontrolli Interni wettqet total ta' tletin verifika ta' rapporti interni u 12-il evalwazzjoni interna u reviżjoni tas-sistema. Dawn l-isforzi wasslu għal 69 proposta ta' rakkomandazzjonijiet interni lill-Kap Eżekuttiv, immirati biex jindirizzaw in-nuqqasijiet filwaqt li jtejbu l-proċessi interni u l-kontrolli. Wara li ttieħdet l-azzjoni meħtieġa, is-Sezzjoni mhux biss identifikat l-oqsma li hemm ta' thassib iżda pprovdiet soluzzjonijiet konkreti biex tkompli ssaħħaħ il-governanza interna.



**Identità,**
Triq il-Wied, L-Imsida,
MSD 9020 MALTA

identita.gov.mt